

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (Spanja) fl-4 ta' Ottubru  
2019 – KM vs Subdelegación de Gobierno de Albacete**

(Kawża C-731/19)

(2019/C 432/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinvju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: KM

Konvenuta: Subdelegación de Gobierno de Albacete

**Domandi preliminari**

Interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260) fis-sens li l-amministrazzjoni u l-qrati Spanjoli jistgħu jwettqu applikazzjoni diretta tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qeqhdin fil-pajjiż illegalment (¹), bi preġudizzju għaż-ċittadin ta' pajjiż terz, filwaqt li jinjoraw u ma jaapplikawx dispożizzjonijet interni iktar vantaggju fil-qasam ta' sanzjonijiet, b'mod li tiġi aggravata r-responsabbiltà sanzjonatorja tal-imsemmi ċittadin u possibbiltà li jiġi injorat il-prinċipju ta' legalità fil-qasam kriminali, hija kompatibbli mad-duttrina tagħha fir-rigward tal-limiti tal-effett dirett tad-direttivi; u jekk is-soluzzjoni għan-natura inadegwata tal-leġiżlazzjoni Spanjola għad-Direttiva ma għandhiex issir b'dan il-mod, għandha ssir permezz ta' riforma fil-liggi, jew permezz tar-rimedji previsti fid-dritt [tal-Unjoni] għall-impożizzjoni fuq l-Istati [Membri] tat-traspożizzjoni korretta tad-direttivi?

---

(¹) ĠU 2008, L 348, p. 98.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-788/19)

(2019/C 432/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Gossement u C. Perrin, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

— tiddikjara li:

- billi stabbilixxa konsegwenzi għan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li tiġi pprovdu informazzjoni fir-rigward tal-beni u tad-drittijiet li jinsabu barra mill-pajjiż jew għas-sottomissjoni tardiva tal-“Modelo 720” (il-Formola 720), li jinkludu l-klassifikazzjoni tal-imsemmija assi bħala dħul patrimoniali mhux iġġustifikat li ma huwiex suġġett għal preskrizzjoni;